MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 27/2004/1

**Caroline Debono**

**v.**

**Is-Sindku u Segretarju tal-Kunsill Lokali Nadur, Ghawdex ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Kunsill u b'digriet tat-2 ta' Dicembru 2004 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` JCR Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tas-Sindku u Segretarju tal-Kunsill Lokali Nadur, Ghawdex ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Kunsill minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Sezzjoni Generali, fl-1 ta' April 2008 li laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut u lill-kumpanija msejha fil-kawza sabiex ihallsu lill-attrici, *in solidum*, is-somma ta' hmistax-il elf tlett mija u tnejn u disghin euro u tmienja u tletin centezmu (€15,392.38) ekwivalenti ghal sitt elef sitt mija u seba' liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm6,607.95). Spejjez a karigu tal-konvenut u l-kumpanija msejha fil-kawza *in solidum*.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti;

"**Danni sofferti f'incident li sehh fi gnien fin-Nadur fejn kienu qeghdin isiru xoghlijiet f'progett tal-Kunsill Lokali - Responsabbilta` tal-Kunsill Lokali u tal-kuntrattur li nghata t-tender mill-kunsill sabiex jaghmel ix-xoghol.**

"Rat ic-citazzjoni prezentata fil-15 ta' Marzu 2004 fejn l-attrici wara li ppremettiet illi fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002) waqt li kienet miexja fl-inhawi tal-belveder kostruwit fi Triq il-Madonna ta' Lourdes, Nadur, Ghawdex hija tfixklet f'toqba li thalliet mhux protetta fil-wicc tal-istess belvedere.

"Illi konsegwenza ghal dan l-incident l-attrici sofriet griehi gravi f'gisimha li minhabba fihom qed tbati danni ngenti konsistenti sew f'danni materjali u kif ukoll telf ta' qliegh futur minhabba debilitazzjoni fizika permanenti f'gisimha.

"U illi dawn ix-xoghlijiet kienu qed isiru mill-Kunsill Lokali tan-Nadur li b'negligenza kbira naqas li jassikura li ma jkun hemm ebda perikolu ghal min jaghmel uzu minn dan il-belvedere.

“Illi minkejja diversi nterpellazzjonijiet min-naha tal-attrici, il-konvenuti naqsu li jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens xieraq sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti.

“Talbet li din il-Qorti:

“1. Tiddikjara illi l-incident oggett ta’ din il-kawza gara unikament konsegwenza ta’ negligenza tal-Kunsill konvenut li naqas li jassikura ruhu li jitnehha kull perikolu ghall-pubbliku.

“2. tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attrici.

“3. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji spediti fil-15 ta’ Jannar 2003, 11 ta’ Marzu 2003 u tal-31 ta’ Mejju 2003 u tal-ittra ufficjali spedita f’April 2003 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ din il-kawza kontra d-ditta assikuratrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-Sindku u Segretarju tal-Kunsill Lokali Nadur, Ghawdex ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Kunsill prezentata fit-23 ta’ April 2004 (fol. 8) fejn eccepew:

“1. Preliminarjament illi l-konvenuti m’humiex il-legittimi kuntraditturi stante illi ghalkemm is-sit fejn sehh l-incident huwa proprjeta’ tal-Kunsill Lokali tan-Nadur pero` x-xoghol fuq l-istess sit ma kienx qed isir mill-Kunsill tan-Nadur izda minn kuntrattur privat li mieghu kien sar kuntratt.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-incident li sehh fl-ewwel (1) ta’ April tas-sena elfejn (2002) sehh unikament tort u htija tal-attrici Caroline Debono illi dahlet f’sit li fih kien ghaddej ix-xoghol ta’ kostruzzjoni u dakinhar hadd ma seta’ jidhol fih u dan meta facilment setghet uzat

il-bankina li hemm fit-triq li kienet lesta u minghajr periklu li wiehed jimxi fuqha.

“3. Illi oltre dan u minghajr pregudizzju ghaz-zewg eccezzjonijiet precedenti d-danni sofferti mill-attrici f’dan l-incident bl-ebda mod ma jistghu jigu klassifikati bhala debilitiazzjoni fizika permanenti u li qed jikkawzaw xi danni materjali jew telf ta’ qliegh futur.

“Rat id-digriet li nghata fit-2 ta’ Dicembru 2004 li bih il-Qorti ordnat li tigi msejha fil-kawza l-kumpannija JCR Limited (fol. 15). Ghalkemm notifikata bic-citazzjoni (fol. 16 a tergo) naqset milli tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet.

“Rat ir-rapport imhejji mill-perit mediku Carmel Sciberras (fol. 61-64) fejn iccertifika li l-attrici qeghda tbaghti minn debilita’ permanenti ta’ 4% b’rizultat tal-griehi li garrbet.

“Rat ir-rapport imhejji mill-perit mediku Charles Swain (fol. 72-74) nominat b’digriet moghti fit-28 ta’ Awwissu 2006 (fol. 67).

“Semghet ix-xhieda.

“Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati mill-attrici u l-Kunsill Lokali tan-Nadur.

“Ikkunsidrat:-

“1. Il-fatt rilevanti ghall-kaz huma s-segwenti:-

“(a) L-attrici tghix in-Nadur, Ghawdex. Fl-1 ta’ April 2002 dahlet fil-gnien li hemm fi Triq il-Madonna ta’ Fatima, Nadur. Jirrizulta li marret fejn hemm ir-railing tal-hadid sabiex tgawdi l-veduta u saqajha nizlet f’toqba li hemm fl-art u li dakinhar ma kenitx mghottija;

“(b) L-attrici tghid li ma ndunatx b’din it-toqba u bil-waqa’ sofriet ksur f’saqajha x-xellugija;

“(c) Min-naha tal-kunsill konvenut m’hemmx kontestazzjoni li l-attrici waqghet f’wahda mit-toqob li

jidhru fir-ritratti a fol. 24-26. L-avukat Dr. Christopher Said xehed: *"t-toqba li waqghet fiha, nikkonferma li hija wahda, ma nafx liema wahda ezatt, pero` li zgur hija wahda minn dawk it-toqbiet indikat fir-ritratti li hemm esebiti fil-process. U dawn it-toqob kienu prattikament qed isiru bhala drains biex jilqghu l-ilma tax-xita li jaqa' fil-gnien biex imur, johrog l-ilma minnhom u apparentement waqghet f'wahda minn dawn it-toqob"* (fol. 38);

"(d) Dan il-gnien kien progett gdid li qieghed jaghmel il-kunsill lokali tan-Nadur. Il-kunsill isostni li dakinhar li sehh l-incident, il-gnien kienu ghadu ma nfetahx ghall-pubbliku. Fil-fatt is-sindku xehed li l-gnien gie inawgurat f'Gunju 2002;

"(e) It-tender ghax-xoghlijiet inghata lill-kumpannija konvenuta JCR Limited li min-naha taghha jidher li tat sub-appalt.

"2. Il-kunsill konvenut qieghed fl-ewwel lok isostni li m'huwiex legittimu kontradittur ghaliex meta sehh l-incident ix-xoghlijiet kienu qeghdin isiru mill-kumpannija JCR Limited, u jekk kien hemm xi nuqqas dan kien min-naha tal-kuntrattur. Hu minnu li skond l-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili (Kap. 16):- *"Kull min ghal xi xoghol jew xi servizz iehor iqabbad pesuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi"*. Provvediment li l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Michael Balzan vs Lawrence Ciantar nomine et deciza fis-17 ta' Frar 2006 fejn osservat li n-nuqqas ta' kuntrattur li jiehu prekawzjonijiet bazici u elementari ghas-sigurta' tal-utenti tat-triq, kien fih innifsu jesponi lill-kommittent ghar-responsabbilita` b'applikazzjoni tal-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili. Inoltre, il-Qorti tosserva li:-

"(a) Il-kunsill kien qieghed isegwi mill-vicin hafna x-xoghlijiet li kienu qeghdin isiru (ara xhieda tal-avukat Dr. Christopher Said) u kien ben konsapevoli ta' x'mizuri kienu ttiehdu fuq il-post u ta' x'nuqqasijiet seta' kien hemm

f'dan ir-rigward. Hu evidenti wkoll li l-kunsill kien qieghed jissorvelja mill-qrib kull stadju ta' dan il-progett.

"(b) Fl-*ispecimen contract* ezebit mill-kunsill stess (General Conditions of Contract for Services – fol. 104-123) jinghad li l-kunsill irrizerva d-dritt li f'kull zmien jaghti struzzjonijiet lill-kuntrattur, u dan anke fir-rigward ta' *health & safety* (fol. 109).

"(c) Anke minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet (ara fol. 215) hu evidenti li l-kunsill kien direttament involut fil-mizuri li ttiehdu ghal skopijiet ta' sigurta' fuq il-post.

"Ghalhekk fic-cirkostanzi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hi minghajr bazi. Hi wkoll rilevanti r-riferenza ghas-sentenza li ghamlet l-attrici u l-kumpannija msejha fil-kawza, fis-sens li *"L-istess awtorita` jew enti pubblika ghandha wkoll id-dover li thares, b' indukrar sufficcjenti, illi fl-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet stradali kuntratturi inkarigati jkunu qeghdin huma wkoll jiehdu l-mizuri protettivi ghall-ahjar harsien tat-terzi. Jekk l-awtorita` jew enti pubblika tonqos f'dan tista', u ghandha, issib ruhha rinfaccjata minn domanda ghar-rizarciment tad-danni, kif hekk inhu proprju il-kaz in ispecje"* (**Martin Bonello Cole vs Kummissarju tal-Pulizija et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[1] fit-3 ta' Ottubru 2003[2]). Argument li l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandux ukoll japplika ghal fatti ta' dan il-kaz. Il-kunsill argumenta wkoll li skond il-ftehim li kellu mal-kuntrattur, dan tal-ahhar kellu jiehu hsieb l-aspetti ta' *safety* fuq is-site, u ghamel riferenza ghax-xhieda li nghatat minn Dr. Christopher Said: *"…fost il-kundizzjonijiet li kellha din il-kumpannija li hadet dan ix-xoghol, kien hemm ukoll l-kondizzjoni cara illi trid izzomm 'at all times' x'hin ikun ghaddej ix-xoghol il-post 'safe', maghluq….."* (fol. 37). Bla pregudizzju ghal dak li diga' nghad, l-Artikolu 1001 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi."*

---

[1] Imhallef P. Sciberras.
[2] Ara wkoll sentenza tal-istess Qorti tat-3 ta' Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et**.

“3. Ghal dik li hi responsabbilita` ghall-incident, il-bazi tad-difiza tal-kunsill lokali hi fuq it-tezi li l-incident sehh tort tal-attrici ghaliex dahlet f’post fejn kien ghaddej xoghol ta’ kostruzzjoni u ***“dakinhar hadd ma seta’ jidhol fih”*** (fol. 8). Fin-nota ta’ sottomissjonijiet li pprezenta l-kunsill, jinghad: *“Ghaldaqstant jidher illi l-Kunsill esponenti ghandu jkun ezonerat mir-responsabilita’ ta’ dan l-incident u dan stante illi huwa agixxa bi prudenza meta wahhal tabelli kbar biex jaghti avviz li kien hemm xoghol ghaddej u meta zamm l-aperturi kollha maghluqin bl-injam bl-eccezzjoni ta’ Door D illi dak il-hin bilfors kellu jkun miftuh minhabba l-haddiema”* (fol. 215) u kompla jsostni li *“wiehed irid jqies ukoll illi meta sehh l-incident l-attrici kellha wiehed u ghoxrin (21) sena u ghaldaqstant kienet kapaci taghraf fejn hemm il-periklu. Kienet hi illi agixxiet b’negligenza u nuqqas ta’ prudenza meta dahlet fil-gnien meta kien ghad hemm ix-xoghol ghaddej u ghaldaqstant ma tistax titfa’ r-responsabilita’ fuq il-Kunsill esponenti illi ghamel dak kollu possibli biex jevita l-periklu”* (fol. 215).

“4. Ghalkemm hu minnu li kien ghadu qieghed isir ix-xoghol fil-gnien in kwistjoni, il-Qorti m’hijiex konvinta li dakinhar li sehh l-incident il-gnien kien accessibbli biss ghall-haddiema. L-attrici dahlet minn wahda mill-aperturi li mit-triq jaghtu ghal gnien u li m’hemmx dubju li kienet miftuha. Ix-xhieda mressqa mill-kunsill kienu ntizi biex jaghtu prova li hadd ma seta’ jidhol fil-gnien in sostenn tat-tezi tal-kunsill li fil-kors tal-progett l-aperturi kienu mbarrati bil-bicciet tal-injam. Pero` min-naha tal-attrici ressqet provi li waqt li kien ghadu ghaddej ix-xoghol, il-gnien xorta kien accessibbli ghall-pubbliku. Hekk per ezempju:-

- “**Wayde Camilleri** (seduta tat-18 ta’ Ottubru 2007) xehed:- *“Jiena niftakar lil haddiema jahdmu f’dan il-gnien. Nikkonferma li jiena personalment gieli kien hemm drabi li dhalt fil-gnien waqt li kienu ghadhom ghaddejjin ix-xoghlijiet. Kont immur naghti daqqa t’ghajn, nara x’qed isir. Ovvjament jiena ma kontx nghaddi minn dik il-parti fejn ikun qieghed isir ix-xoghol. Kien ikun hemm partijiet ohrajn illi tista’ tghaddi minghajr tfixkil.* ***Jiena biex nidhol***

***ghal gol-gnien kont nidhol mill-aperturi****….. Biex dhalt jiena l-apertura ma kinitx imbarrata”* (fol. 169);

- “**Georgina Attard** (seduta tat-18 ta’ Ottubru 2007): *“Fi zmien illi gara dan l-incident jiena kont diga’ bdejt immur bhala baby sitter gewwa dan il-gnien fil-belveder. Kont immur bit-tfal, ghax kont inkun baby sitting biex jghaddi ftit tal-hin. M’ghandix ideja fejn sehh, f’liema parti tal-gnien sehh l-incident. Jiena kont immur in-naha fejn hemm il-bandli.* ***Nikkonferma illi f’dan iz-zmien li jiena kont qed nidhol fil-gnien, kien ikun hemm haddiema jahdmu fil-gnien, pero` ovvjament jien ma kontx immur fil-parti fejn kienu qeghdin isiru x-xoghlijiet****”* (fol. 171).

- “**Tania Camilleri** (seduta tat-18 ta’ Ottubru 2007): *“Jiena noqghod fil-fond three (3), Bella Vista, Fatima Street, Nadur, Ghawdex. Fi zmien illi sar Gnien il-Kunsill, jiena kont nghix f’dan il-fond li ghadni kif semmejt. Niftakar ix-xoghlijiet ghaddejjin. Nikonferma wkoll li waqt li kienu qeghdin isiru x-xoghlijiet, jien fil-gnien qatt ma dhalt.* ***Jiena gieli rajt nies fil-gnien ghalkemm ikun hemm il-haddiema jahdmu fil-gnien****”* (fol. 174).

“5. Il-Qorti hi tal-fehma li l-kunsill ma jistax jezonera ruhu mir-responsabbilita`. Il-kontroll li l-kunsill ghandu fuq il-gnien jqieghed obbligu fuqu li jista’ jissejjah bhala *“duty of care”* li ghandu fil-konfront tal-pubbliku li jaghmel uzu mill-facilita’. Il-bazi ghall-imposizzjoni ta’ dan l-obbligu hu li l-membri tal-pubbliku jiddependu mill-awtorita’ lokali li tizgura li l-post u l-facilitajiet huma tajbin u idoneji ghall-uzu. Rilevanti dak li nghad fil-kaz **Aiken v Kingborough Corporation** (1939) mill-High Court Awstraljana: *“parks, gardens, playgrounds, shelters, swimming pools, public picture galleries and public libraries are examples of places which are not highways but to which members of the public may go as of right. More often than not the care and management of, if not the property in, such places have been vested by or under statute in a corporation or in trustees who are obliged to give free access to the public, but who have full powers of maintenance and*

*repair, as well as of management….. They are in charge of a structure provided for the use of people who must, in using it, rely upon its freedom from dangers which the exercise of ordinary care on their own part would not avoid"*.

"Ghal dawk li huma sottomissjonijiet li ghamel il-kunsill:

"(a) Hu minnu li rrizulta li kien hemm zewg tabelli kbar (wahda fuq kull naha ta' fejn hemm il-gnien) li kienu jghidu li l-gnien li kien qieghed isir, kien progett tal-kunsill lokali tan-Nadur. Is-sindku spjega[3] li t-tabelli kienu juru *"…. Li ghaddej xoghol biex isir gnien, belveder u playing field fi triq il-Madonna ta' Fatima, kien hemm l-isem tal-kuntrattur, l-isem tal-perit u d-data ta' meta se jispicca x-xoghol, li hija tabella li l-kunsill lokali jaghmel fuq kull post fejn ikun ghaddej xi progett ta' certu portata biex juri lin-nies min qed jaghmel ix-xoghol u anke meta bi hsiebu jispicca x-xoghol"* (fol. 38). Pero` b'daqshekk ma jfisser xejn. Il-Qorti m'hijiex konvinta li dawn it-tabelli kienu ntizi sabiex iservu ta' avviz lill-pubbliku biex ma jidhlux fil-gnien, izda pjuttost sabiex jirreklamaw dan il-progett li s-sindku stess iddeskrivih bhala l-ikbar progett li ghamel il-kunsill tal-lokal (seduta tas-16 ta' Mejju 2007 – fol. 86).

"(b) Il-fatt li fil-gnien kien ghadu qieghed isir xi xoghol, ma jfissirx b'daqshekk li l-pubbliku ma setax jidhol. Fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2005, is-sindku xehed li dakinhar li sehh l-incident l-gnien ma kienx miftuh ghall-pubbliku (fol. 38). Jekk il-kunsill verament ried li l-pubbliku ma jidholx fil-gnien, kellu jizgura li l-aperturi jkunu l-hin kollha maghluqin u jitqieghdu wkoll sinjali li **dhul hu projbit u mhux tithalla apertura miftuha berah minghajr kontroll ta' min diehel u hiereg mill-gnien**. L-istess sindku kompla jispjega, ***"Li kien hemm, kien hemm li min irid jidhol fih pero` kif kien qieghed ix-xoghol seta' jidhol fih.*** *Jigifieri fis-sens ma kien hemm xejn x'izomm; xi hajt jew hekk mill-entrances fejn kienu gejjin il-bibien, fejn sussegwentement gew il-bibien tal-belveder kif qeghdin illum. Fil-fatt kienu diga' ffurmati dak iz-zmien il-bibien,*

---

[3] Seduta tas-17 ta' Mejju 2005.

*bicca mill-art kienet diga' ffurmata…."* (enfazi tal-Qorti - fol. 38). Interessanti li sa dan l-istadju l-kunsill ma ghamel l-ebda accenn li dakinhar tal-incident l-aperturi li mit-triq jaghtu ghal l-gnien kienu, jew xi whud minnhom, maghluqin. Sussegwentement, is-sindku xehed (seduta tas-16 ta' Mejju 2007) li *"…fiz-zmien li kien qed isir ix-xoghlijiet, dawn l-aperturi kienu maghluqin bl-injam. Kien hemm zewg strippi imwahhlin ma' l-aperturi"* (fol. 86). Zied ighid li kien hemm biss apertura wahda li kienet tkun miftuha, sabiex minnha jghaddu l-haddiema. F'kull kaz pero` ma rrizultax li f'din l-apertura kien hemm xi sinjal li d-dhul hu projbit[4]. Il-fatt li hdejn din l-apertura seta' kien hemm xi materjal relatat max-xoghol li kien qieghed isir fil-gnien, ma jfissirx li d-dhul minn dik il-parti kien projbit. Ghalkemm m'huwiex eskluz li l-kunsill seta' ried li l-pubbliku ma jidholx fil-gnien sakemm ix-xoghlijiet kollha jitlestew, madankollu mill-provi rrizulta certament li ghallinqas wahda mill-aperturi kienet qeghda tinzamm miftuha. Fatt li ghamilha possibbli li wiehed jidhol fil-gnien, f'parti fejn irrizulta li kien diga' tlesta t-tqeghid tal-paviment. Dan apparti l-fatt li l-Qorti ma taqbilx mal-argument li din l-apertura kellha bilfors tithalla miftuha ghall-hin kollu li kien hemm il-haddiema, in kwantu setghu facilment ittiehdu mizuri biex tinzamm maghluqa u tinfetah biss fil-hin li l-haddiema jkollhom bzonn jidhlu jew johorgu mill-gnien.  Dan apparti li setghu wkoll facilment tqeghdu avvizi li dhul fil-gnien kien projbit u li hemm il-periklu. Inoltre, il-provi juru li f'dan iz-zmien il-parti l-kbira tax-xoghol kien tlesta u sahansitra l-pubbliku kien diga' qieghed jaghmel uzu minn partijiet tal-gnien. Ghall-Qorti dan ifisser biss li l-mizuri li l-kunsill qieghed ighid li ha[5] biex ma jidhlux nies fil-gnien, ma kienux bizzejjed u li

---

[4] Dr. Christopher Said xehed: *"Mistoqsi pero' jekk kienx hemm x'Avviz li bih il-pubbliku kien diffidat milli jimxi mal-belveder, nghid li avviz f'dan is-sens ma kienx hemm"* (fol. 39). Hu minnu li William Axiaq (wiehed mill-haddiema) qal *"fit-truf tal-gnien kien hemm tabelli kbar. Jiena ma niftakarx x'kien hemm miktub f'dawk it-tabelli. Niftakar ukoll illi ma xi whud mill-entraturi kien hemm sinjali illi, **jekk niftakar sew**, kien jgidu 'No Entry'"* (fol. 130), pero ma kienx cert dwar dak li qal u l-verzjoni tieghu. L-istess jinghad ghal dak li qal Alexander Axiaq fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2007 (fol. 124-126). Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2007, Dr. Christopher Said qal: *"ma jidhirlix li kien hemm sinjali no entry"* (fol. 86).

[5] *"….wahhal tabelli kbar biex jaghti avviz li kien hemm xoghol ghaddej u meta zamm l-aperturi kollha maghluq bl-injam bl-eccezzjoni ta' door D illi dak il-hin bilfors kellu jkun miftuh minhabba l-haddiema"* (nota ta' sottomissjonijiet tal-kunsill – ara fol. 215).

sahansitra kien hemm zmien meta l-aperturi ma kienux qeghdin jinzammu maghluqa. Alternattivament li m'huwiex minnu li f'dak l-istadju d-dhul kien projbit. Argumenti li kollha jmorru kontra t-tezi tal-kunsill. Il-fatt wahdu li l-attrici dahlet fil-gnien meta kien ghadu qieghed isir xoghol ta' pavimentar, ma jfissirx b'daqshekk li dan hu kaz ta' *imputet sibi*. L-apertura miftuha tista' fiha nnifisha titqies bhal nvit li wiehed jidhol fil-gnien u jgawdi, kif tidher li riedet taghmel l-attrici, l-veduta mill-isbah li hemm mill-gnien. Id-domanda li ghandha ssir hi jekk kienx ragonevoli li wiehed jistenna li f'dak iz-zmien li sehh l-incident il-pubbliku jithajjar jidhol fil-gnien u jmur fejn hemm it-toqba li fiha waqghet l-attrici ? Ghalfejn wiehed kellu ragonevolment jistenna li l-pubbliku ser jidhol fil-gnien fic-cirkostanzi prevalenti fiz-zmien li sehh l-incident. Il-Qorti temmen li hemm ragunijiet varji, kif setghet tikonstata waqt l-access li ghamlet fl-10 ta' Lulju 2007, fosthom li:

- "Il-gnien qieghed f'post residenzjali;

- "Il-gnien hu kbir[6] u kien xi haga gdida u progett magguri ghal post, u minnufih jolqot l-ghajn meta tkun ghadek lanqas biss dhalt;

- "Ix-xoghol fil-gnien kien fi stadju avvanzat u kien hemm partijiet sew fejn il-pavimentar kien tlesta;

- "It-tfal facilment setghu jidhlu biex jilghabu[7];

- "Il-veduta mill-gnien hi mill-isbah. M'hemmx dubju li minhabba x-xenarju li hemm, fejn wegghet l-attrici hu l-ewwel post li wiehed ikollu t-tendenza li jmur kif jidhol fil-gnien.

"F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li l-kunsill ma setax ragonevolment jistenna u jipprevedi li sakemm

---

[6] Is-sindku xehed li l-gnien ghandu xi erbgha mitt (400) metru tul.

[7] Ara wkoll f'dan ir-rigward xhieda li nghatat minn Paul Meilaq fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2007 (fol. 136-137) li kkonferma li kien jara t-tfal jilghabu fil-gnien meta x-xoghol kien ghadu ma tlestiex; *"jiena niftakar illi f'dan iz-zmien kien hemm aktar minn nofs il-gnien li huwa lest. Meta nghid lest, kien lest il-paviment tal-art, nofsu. Pero' ma kienx ghad hemm bandli jew l-ghamara".*

jitlesta x-xoghol kollu u l-gnien jigi inawgurat ufficjalment, hadd ma kien ser jidhol. Iktar u iktar jekk kif irrizulta mill-provi kienu jafu li certament wahda mill-aperturi kienet qeghda tinzamm miftuha. Il-prevedibbilita` ma kienitx tali li jista' jinghad li kienet biss possibilta' remota u inverosimili. F'tali cirkostanzi l-kunsill kellu obbligu li jipprotegi lill-pubbliku (hu ta' liema eta' hu) minn kwalsiasi periklu. Mill-provi rrizulta wkoll li l-haddiema li kienu qeghdin jaghmlu x-xoghol ta' pavimentar kienu qeghdin jaghlqu dik il-parti li tkun ghadha friska sabiex ma ssirx hsara. F'dan ir-rigward il-perit Edward Scerri xehed li *"…fi zmien meta kien qieghed isir il-paving tal-gnien u peress illi t-tip ta' paving kien imprint concrete, l-area fejn kienu jkunu qeghdin jahdmu l-haddiema, jigifieri jkun qieghed isir dan il-paving, kienu jaghlquha. Kienu jew jaghlquha biz-zigarella tal-plastic ahmar bl-abjad, jew fallakki tal-injam"* (fol. 153)[8]. Fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt fih innifsu hu ndikattiv li nies (apparti l-haddiema) kienu qeghdin jidhlu fil-gnien. Angelo Axiaq xehed, *"Fejn konna qeghdin naghtu l-konkos jigifieri f'dik il-parti illi nkunu qeghdin naghmlu pavimentar, ahna* ***konna naghlquha bil-fallakki tal-injam sabiex <u>nassiguraw illi hadd ma jirfes u jaghmlilna l-hsara</u>****"* (enfazi u sottolinejar tal-Qorti - fol 127)[9]. L-ispjegazzjoni li ta Alexander Axiaq li kien qieghed isir hekk sabiex per ezempju ma jghaddux il-klieb (fol. 124), ma tistax titqies li kien qieghed isir hekk ghal din ir-raguni biss. Dan apparti l-fatt li l-Qorti m'hijiex tal-fehma li meta l-attrici dahlet fil-gnien setghet tkun taf li dahlet f'parti mill-gnien fejn skond il-kunsill *"hadd ma seta' jidhol fih"* (fol. 8). Jekk hekk kellu jkun, allura l-kunsill messu ra li ttiehdu l-prekawzjonijiet kollha (anke mill-kuntrattur) sabiex jizgura li l-aperturi jkunu l-hin kollu maghluqin, u mhux jipprova jiggustifika ruhu billi jargumenta li l-apertura kellha tkun miftuha ghaliex il-haddiema kienu kontinwament dehlin u hergin minnha. Jekk kien daqstant importanti li hadd ma jidhol fil-gnien, meta wiehed iqies il-kobor tal-gnien (kif il-Qorti kellha l-opportunita' li tikkonstata waqt l-access) u l-fatt li thalliet apertura miftuha minghajr ma kien hemm kontroll dwar min seta' jidhol u johrog mill-gnien ghaliex il-

---

[8] Seduta tal-11 ta' Lulju 2007.
[9] Seduta tas-16 ta' Mejju 2007.

haddiema kienu qeghdin jahdmu f'parti ohra tal-gnien (tant li hadd mill-haddiema li kien hemm fil-gnien u lanqas is-sindku li nzerta kien qieghed hdejn il-haddiema, ma raw lill-attrici tidhol jew timxi fil-gnien u kien biss bl-ghajjat taghha li ndunaw biha), it-tezi tal-kunsill tkompli tidghajjef. Inoltre, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li mill-fatti kif irrizultaw l-attrici (jew kwalsiasi persuna ragonevoli) setghet tipprevedi li fil-parti tal-gnien li dahlet fiha (li kellha l-pavimentar lest) kien hemm riskju reali li ser twegga'. L-attivita' li ghamlet l-attrici fiha nnifisha ma kienet tinvolvi l-ebda riskju. Dan ma kienx per ezempju kaz ta' persuna li qabzet recint.

"Inoltre, m'huwiex kontestat li t-toqob li kien hemm fl-art ma kienux mghottija u li fejn wegghet l-attrici l-pavimentar kien diga' tlesta u kien niexef. Kien biss wara li sehh l-incident li skond Alexander Axiaq (seduta tas-16 ta' Mejju 2007) *"…. Poggejna kantun fejn waqghet, fil-hofra fejn waqghet l-attrici. Nikkonferma illi fit-toqba ma kien hemm ebda gradilja fil-hin li sehh l-incident. Ahna poggejna din il-gebla wara li rajna dan l-incident kif sehh u ghalhekk bhala mizura biex ma jigrix xi haga simili poggejna din il-gebla"* (fol. 125). Il-Qorti mhi konvinta xejn li ma setatx tittiehed xi prekawzjoni qabel inghata l-konkos (skond il-verzjoni moghtija minn Alexander Axiaq – fol. 125) sabiex jigi accertat li dawn il-hofor fl-art jiinghalqu (anke b'mod temporanju) qabel it-tqeghid ta' konkos fl-art. Dan ukoll bhala sigurta' fl-interess tal-istess haddiema li kienu qeghdin jahdmu fuq il-post. Li dawn il-hofor kienu ta' periklu hu konfermat mill-istess xhud li ddikjara li kif kienu jlestu parti mill-pavimentar, kienu jpoggu gebla fit-toqba; *"mistoqsi mill-qorti biex nghid ghalfejn konna npoggu dawn il-gebel jiena nghid li* ***bhala mizura ta' sigurta' ghalina stess illi konna qed nahdmu fuq il-post****"* (fol. 125). Dan iktar u iktar meta jirrizulta li l-hofra kienet fonda u ghalhekk ta' periklu car. M'hemm l-ebda kontestazzjoni li dawn it-toqob kienu ta' periklu ghal min ikun qieghed jimxi hdejhom. Il-Qorti ma tistax tonqos milli tistqarr li anke jekk kellha tigi accettata l-verzjoni li l-aperturi li ma kienux qeghdin jintuzaw kienu jkunu mbarrati, tqeghid ta' zewg strippi injam (ara xhieda li nghatat minn Dr. Christopher Said fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2007) f'aperturi wesghin

(ara per ezempju ritratti a fol. 148B u 148D) ma jistghux jigu deskritti bhala mizuri ta’ sigurta’ idoneji.

“Il-Qorti tikkonkludi li l-kawza prossima ghall-incident ma kenitx il-fatt li l-attrici dahlet fil-gnien, imma l-fatt li kien hemm apertura miftuha berah u wkoll kien hemm toqba fl-art, minghajr ma kienx hemm avviz jew mizura ohra ta’ sigurta’. Periklu li ghalih kienu qeghdin jigu esposti l-istess haddiema. Dan meta bi ftit attenzjoni l-periklu seta’ facilment jigi evitat. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, fiz-zmien li sehh l-incident l-attrici kienet gustifikata tahseb li l-parti l-ohra kienet ser topera d-diligenza u l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex jigu evitati danni. Wiehed ma jridx jinsa li fejn gara l-incident kien jidher li tlesta x-xoghol. Il-mera prezenza tal-attrici fil-gnien allavolja kien ghadu qieghed isir xoghol ta’ pavimentar, m’hijiex bizzejjed biex il-kunsill ifarfar ir-responsabbilita`. Il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici tat prova *“non solo l’ atto u l’ omissione colposa del denunciato, ma altresi che l’ atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall’ istanti*” (Qorti tal-Appell tas-6 ta’ Frar 1928 fil-kawza **Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia *et***).

“6. Kif rajna, il-kunsill jippretendi li l-mera prezenza tal-attrici f’post li skond il-konvenut *“dakinhar hadd ma seta’ jidhol fih”* (fol. 8), u hu fuq din id-difiza li l-Qorti trid tibbaza d-decizjoni. Min-naha tal-kunsill m’huwiex jallega li kien hemm xi negligenza kontributorja min-naha tal-attrici u anzi jsostni li l-incident sehh *“..unikament tort u htija tal-attrici Caroline Debono”*. Il-Qorti temmen li f’tali cirkostanzi tista’ tieqaf hawn, pero` f’kull kaz lanqas ma temmen li s-semplici fatt li l-attrici kienet taf li qieghed isir xoghol fil-gnien abbinat mal-fatt li dahlet fil-gnien, jista’ jammonta ghal negligenza kontributorja[10]. Negligenza li l-effett taghha hu li tnaqqs ir-responsabbilita` tad-danneggjant u

[10] Artikolu 1051 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi: *“Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b’nuqqas ta’ prudenza, ta’ diligenza jew ta’ hsieb ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li ghandhom jithallsu lil dik il-parti, tiddecidi, fid-diskrezzjoni taghha, f’liema proporzjon din tkun ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara li batiet, u l-ammont tad-danni li ghandu jithallas lilha mill-persuni l-ohra li jkunu dolozament jew bla ma riedu kkontribwew ghal dik il-hsara, jigi mnaqqas f’dik il-proporzjoni”.*

mhux li teskludiha kompletament. Fil-kaz **Froom v Butcher**, Lord Denning spjega li *"Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others.* ***Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety****. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might himself"*[11]. Il-kaz kien jittratta dwar in-nuqqas tad-danneggjat li jilbes *seat belt*. Il-fatt li l-attrici dahlet fil-gnien ma jfissirx li hi naqset milli tiehu kura taghha nnifisha. Lanqas ma jista' jinghad li l-attrici volontarjament assumiet riskju meta ghazlet li tidhol fil-gnien fejn hi stess qalet li *"…jiena rrealizzajt illi fil-gnien kienu qed isiru xi xoghlijiet allura qghadt attenta biex ma nwegghax u lanqas naghmel xi hsara fejn ikun qieghed isir ix-xoghol"* (fol. 133)[12]. Kliem li jrid jittiehed fil-kuntest li l-attrici stess qalet li hi ghaddiet mill-parti tal-gnien li kienet lestha, jew ghallinqas ghall-ghajn hekk kienet tidher li hi. Il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-attrici tixhed *viva voce*, u hi tal-fehma li fil-verzjoni li tat kienet kredibbli u m'hemm l-ebda raguni ghalfejn il-Qorti ghandha tiddubita mill-verzjoni tal-fatti moghtija minnha.

"7. Ghal dik li hi responsabbilita`, il-Qorti temmen li l-kuntrattur (il-kumpannija msejha fil-kawza) hu responsabbli daqs kemm hu responsabbli l-kunsill. Kien ukoll l-obbligu tal-kuntrattur li jizgura li jittiehdu l-prekawzjonijiet ta' sigurta' f'kull hin waqt li jkun ghaddej ix-xoghol, anke fl-interess tal-haddiema li kien hemm jahdmu fil-post. Il-kuntrattur ma jistax jinheba wara l-iskuza li seta' ta sub-appalt lil haddiehor jew inkariga lil terzi biex jaghmlu x-xoghol. Mill-provi rrizulta li l-kuntrattur kien qieghed imur fuq il-post u jsegwi l-progess tax-xoghlijiet u jaghti wkoll ordnijiet, u ghalhekk il-Qorti tifhem li kien jaf (jew ghallinqas suppost li kien jaf) x'qieghed jigri u x'nuqqasijiet seta' kien hemm. Irrizulta, u dwar dan m'hemmx kontestazzjoni, li dakinhar li sehh l-incident ghallinqas wahda mill-aperturi (minn fejn dahlet l-attrici)

---

[11] *The Modern Law of Negligence*, R.A. Buckley, Tieni Edizzjoni, Butterworths (1993) pagna 66.
[12] Seduta tas-16 ta' Mejju 2007.

kienet miftuha. Inoltre, mill-provi li semghet il-Qorti hi moralment konvinta li f'din il-parti ma kien hemm l-ebda sinjal jew avviz li jipprjobixxi d-dhul fil-gnien. Ghalhekk b'applikazzjoni tal-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili, il-kunsill u l-kumpannija msejha fil-kawza ser jigu kundannati *in solidum*.

"8. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, huma rilevanti s-segwenti fatti:-

"(a) L-incident sehh fl-1 ta' April 2002 u l-kawza giet prezentata fil-15 ta' Marzu 2004;

"(b) Jidher li fiz-zmien tal-incident l-attrici kellha bejn 20 u 21 sena u kienet tahdem bhala clerk mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet u l-paga kienet ta' erbat elef u tnejn u hamsin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm4,052.41). L-attrici baqghet fl-impjieg taghha[13] u l-perit mediku xehed: *"rigward ix-xoghol taghha per se, u cioe` li tpoggi fuq skrivanija, din id-dizabilita' mhux ser taffetwaha pero` ovvjament se taffetwaha fil-fatt illi din trid issuq ghx-xoghol u titla' t-tarag"* (fol. 226).

"(c) Skond ir-rapport imhejji mill-perit mediku Mr. Carmel Sciberras (fol. 61), l-attrici qeghda tbaghti minn debilita' permanenti ta' erbgha fil-mija (4%). L-ezami mediku sar fl-14 ta' Marzu 2006 (fol. 63) u ghandna konferma li saru zewg operazzjonijiet li kellhom ezitu pozittiv. Minn dan ir-rapport il-Qorti m'hijiex konvinta li d-debilita' li l-attrici qeghda ssofri minnha hi relatata mal-problemi li qalet li kellha precedentement fl-istess sieq (ara xhieda li tat in kontro-ezami fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2007 – fol. 150). Skond il-perit mediku l-problem li kellha l-attrici qabel sehh l-incident kienu minhabba li twieldet *"b'congenital dislocation of both hips"* (fol. 62). Inoltre, il-perit mediku (seduta tal-1 ta' Ottubru 2007) xehed: *"jien ma nista' nara l-ebda kawza ohra ghal din il-problema tal-attrici ghajr li kun imputabbli ghall-incident in kwistjoni"* (fol. 225). Wiehed ma jridx jinsa wkoll li fl-incident mertu ta' din il-

[13] Dwar id-dritt ta' rizarciment ghal lucrum cessans minkejja li d-danneggjat ikun baqa' jahdem, ara s-sentenza ta' din il-Qorti li nghatat fil-kawza fl-ismijiet **Michael Camilleri vs Anthony Portelli** deciza fis-26 ta' Lulju 2007 u l-gurisprudenza citata fiha.

kawza, l-attrici wegghet l-ghaksa u fil-fatt il-perit mediku ttratta u rrelata dwar dan id-difett.

“Ghal dak li huma ***damnum emergens*****,** huma gustifikati dawn l-ammonti:-

- “Ghoxrin lira Maltija (Lm20) ghal *invigilation fees* li l-attrici ma setatx taghmel mill-11/5/2002 sal-25/5/2002 (fol. 28) ghaliex kienet ghadha konvalexxenti;

- “Hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) ghal sessjonijiet ta’ fizjoterapija (fol. 30A u 30B);

- “Hamsa u disghin lira Maltija (Lm95) spejjez li ghamlet ghand Mr. Charles Grixti (fol. 29A);

- “Sbatax-il lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm17.95) spejjez li ghamlet fiz-zmien li kienet rikoverata l-isptar wara li sehh l-incident (fol. 31-32);

- “Hames mija u hamsin lira Maltija (Lm550) spejjez sabiex isir intervent kirurgiku minhabba c-cikatrici li ghandha l-attrici f’saqajha (ara rapport imhejji minn Mr. Charles Swain (fol. 72-74) u fir-rigward ta’ liema fis-seduta tad-9 ta’ Frar 2007 gie verbalizzat li *“id-difensuri prezenti b’riferenza ghar-rapport imhejji minn Mr. Charles Swain, fol. 72 sa 74, jiddikjaraw li qeghdin jirrimettu ruhhom dwar ic-cifra likwidata mill-espert mediku”* (fol. 75).

“Ghal dak li huma spejjez relatati ma’:-

- “Operazzjoni li l-attrici qalet li trid taghmel biex jitnehhewlha l-pins tal-metall[14], fir-rapport tal-perit mediku nghad li l-metall tnehha fit-2 ta’ Marzu 2005 (fol. 62). F’dan ir-rigward l-attrici ma ressqet l-ebda prova li harget xi flus mill-but;

- “Polza tas-sahha fl-ammont ta’ mija u zewg liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm102.96) u li dwarha xehedet li *“dakinhar stess li gara l-incident skadiet il-*

[14] Ara fol. 21 (affidavit).

*health insurance tieghi u ma kellix intenzjoni li ngeddidha. Kont assigurata mal-Laferla Insurance. Izda gara i-incident u kont se nidhol f'xi spejjez, biddilt il-hiseb u ddecidejt li ngeddidha….Wara dik is-sena qatt m'ergajt geddidtha"* (fol. 21). Il-Qorti m'hijiex konvinta li l-hlas sar mill-attrici. Fil-fatt mid-dokument li l-attrici stess ezebit (fol. 29) jirrizulta li din kienet *insurance plan* li tkopri l-familja li taghha l-attrici hi membru u kienet f'isem Therese Debono (omm l-attrici). Carmel Debono (missier l-attrici) ikkonferma dan il-fatt u zied ighid: *"In vista ta l-incident li gara lil binti, jiena malajr biddilt hsiebi u* ***hallast it-tariffi kollha mehtiega****"* (fol. 48).

"Fir-rigward tal-***lucrum cessans***, il-Qorti hi tal-fehma li hu floku li:-

"(a) Il-kalkoli jsiru fuq dhul ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin eruo u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86) ekwivalenti ghal hamest elef lira Maltija (Lm5,000) fis-sena, dan wara li l-Qorti qieset li f'dawn it-tip ta' kazijiet il-gurisprudenza tqies ukoll ziedet minhabba gholi tal-hajja u nflazzjoni[15] matul is-snin li gejjin.

"(b) Ghal dak li hu multiplier, fid-data tal-incident l-attrici kellha wiehed u ghoxrin (21) sena. L-attrici tippretendi li l-kalkoli ghandhom isiru fuq multiplier ta' erbgha u erbghin (44) sena. Ghalkemm m'hemm xejn x'jindika li l-attrici ser tibqa' tahdem sa l-eta' pensjonabbli u wkoll li hafna drabi ma' jkunx hemm xi ndikazzjonijiet simili, wiehed ma jistax jaqra l-futur. Pero` fil-fehma tal-Qorti ghandu jittiehed ukoll kont ta' dak li jista' jigri fil-hajja ta'persuna, cjoe' l-fattur ta' *chances and changes of life*. Ghalhekk hu floku li l-kalkoli jsiru fuq multiplier ta' hamsa u tletin (35) sena;

"(c) Tnaqqis ta' sittax fil-mija (16%) ghal *lump sum payment* mehud in konsiderazzjoni li s-sentenza qeghda

---

[15] Fir-rigward tas-sottomissjoni tas-socjeta msejha fil-kawza li l-kalkoli ghandhom isiru fuq dhul nett, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza ***Alexandra Saliba Sammut vs Joseph Attard*** deciza fil-25 ta' Jannar 2001, kif
ukoll ghall-kazistika hemm indikata.

tinghata erbgha (4) snin wara li saret il-kawza. Tnaqqis li jsir ghaliex id-danneggjat qieghed jinghata flus bil-quddiem. Il-principju hu li dan il-persentagg jitnaqqas bit-trapass taz-zmien *“Jekk xejn ghaliex it-trapass taz-zmien ma kellux jillimita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident kontra l-vittma li sofriet d-danni”* [Qorti tal-Appell - **Lawrence Caruana vs Anthony Falzon** deciza fil-5 ta’ Ottubru 2001].

“Total ta’ tlettax-il elf sitt mija u sitta u disghin eruo u wiehed u sebghin centezmu (€13,696.71) ekwivalenti ghal hamest elef tmien mija u tmenin lira Maltija (Lm5,880)

Ghaldaqstant id-danni li ghalihom hi ntitolata l-attrici huma fl-ammont ta’ hmistax il-elf tlett mija u tnejn u disghin euro u tmienja u tletin centezmu (€15,392.38) ekwivalenti ghal sitt elef sitt mija u sebgha liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm6,607.95).

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kunsill konvenut, tilqa’ t-talbiet tal-attrici fis-sens li:-

“1. Tiddikjara li l-konvenut u l-imsejha fil-kawza huma responsabbli ghall-incident li sehh fl-1 ta’ April 2002 fil-gnien li hemm fi Triq Madonna ta’ Fatima, Nadur, Ghawdex.

“2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta’ hmistax il-elf tlett mija u tnejn u disghin euro u tmienja u tletin centezmu (€15,392.38) ekwivalenti ghal sitt elef sitt mija u sebgha liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm6,607.95).

“3. Tikkundanna lill-konvenut u lill-kumpannija msejha fil-kawza sabiex ihallsu lill-attrici, *in solidum*, is-somma ta’ hmistax il-elf tlett mija u tnejn u disghin euro u tmienja u tletin centezmu (€15,392.38) ekwivalenti ghal sitt elef sitt mija u sebgha liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm6,607.95).

“Spejjez a karigu tal-konvenut u l-kumpannija msejha fil-kawza *in solidum*.”

Minn din is-sentenza appella l-Kunsill Lokali Nadur. Il-kjamata fil-kawza li kienet kontumaci (ara fol. 41) u m'appellatx.

**Appell tas-Sindku u Segretarju tal-Kunsill Lokali Nadur, Ghawdex, ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Kunsill**

Dawn il-konvenuti hassewhom aggravati bis-sentenza hawn aktar 'l fuq riportata tal-Qorti tal-ewwel grad u interponew appell minnha b'rikors prezentat fil-21 ta' April 2008.

Illi l-aggravji tal-appellanti huma in breve s-segwenti:-

1. Il-kunsill appellant mexa bhala *bonus pater familias* sabiex jevita li jsiru incidenti u wera li kienu qed isiru xoghlijiet fl-inhawi u ghalhekk ghandu jigi ezonerat mir-responsabilita`.

2. Illi huwa ha hsieb u avza lill-kuntrattur, il-kjamat in kawza, bl-importanza illi jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex ma jsehhux incidenti. Ghalhekk ma hemmx lok li jigi applikat il-principju ta' *culpa in eligendo* u kien jispetta lil attrici li tipprova li l-Kunsill qabbad lil xi hadd mhux ta' hila.

3. In-negligenza kontributorja tal-attrici li kienet taf li kien hemm xoghol ghaddej u xorta hadet riskju u dahlet f'post ta' perikolu.

4. Il-Kunsill ha hsieb li l-post ikun maghluq b'*baricades* hlief ghal entratura wahda li kienet miftuha ghall-uzu esklussiv tal-haddiema li kienu fuq il-post fil-hin tal-incident.

5. Il-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni id-deposizzjonijiet ta' xiehda li qalu li l-entraturi ghal fuq is-sit kienu maghluqin bl-injam.

6. Fir-rigward tal-*quantum* tas-somma likwidata, f'dan il-kaz l-attrici ma hi ser titlef ebda dhul futur stante li hi zammet l-istess xoghol li kellha u ghandha l-uzu komplet ta' saqajha li kienet weggghet. Inoltre l-attrici kienet diga` ssofri minn *congenital hip dislocation* u ghalhekk kienet gia` ristretta fil-movimenti taghha.

Ghaldaqstant il-konvenuti appellanti talbu r-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-1 tal April 2008 billi filwaqt li din il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali appellant, tichad it-talbiet tal-attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

**Risposta tal-kjamata in kawza JCR Limited**

Preliminarjament il-kjamata in kawza taqbel ma' dak li ntqal fl-appell tal-Kunsill Lokali in kwantu ghar-responsabbilita` tal-incident li ghandha tigi akkollata totalment lill-attrici appellata. Fit-tieni lok din is-socjeta` tikkontendi li l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti huwa f'kull kaz esagerat billi l-attrici zammet ix-xoghol taghha. Inoltre l-attrici kienet tbati minn difett fiziku precedenti ghall-incident.

**Risposta tal-attrici appellata**

L-attrici wiegbet fit-23 ta' Mejju 2008 fejn sahqet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma minn din il-Qorti. Hi tissottometti li l-Kunsill konvenut appella mid-decizjoni tal-ewwel Qorti abbazi ta' diversi ragunijiet u argumenti li gew kollha sollevati minnu quddiem l-ewwel Qorti, u li gew diskussi quddiemha u finalment gew gustament skartati mill-istess Qorti. Ghalhekk in forza tar-ragunijiet minnha premessi fir-risposta taghha talbet li l-appell jigi respint, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**Fatti**

Din l-kawza tirrigwarda incident li sehh fl-1 ta' April 2002 fil-gnien li hemm fi Triq Madonna ta' Fatima, Nadur, Ghawdex, meta l-attrici kienet fejn ir-railing tal-hadid tal-

Belvedere biex tgawdi l-veduta u saqajha nizlet f'toqba li kien hemm fl-art bil-konsegwenza li sofriet ksur f'riglejha x-xellugija.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**Responsabbilita` tal-Kunsill Lokali**

Il-Kunsill Lokali appellant jissottometti li huwa ha hsieb u avza lill-kuntrattur, il-kjamat in kawza, bl-importanza illi jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex ma jsehhux incidenti, u ghalhekk hu m'ghandux jigi tenut responsabbili ghal li gara. Inoltre jishaq li ma hemmx lok li jigi applikat il-principju ta' *culpa in eligendo* u li kien jispetta lil attrici li tipprova li l-Kunsill qabbad lil xi hadd mhux ta' hila.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-Kunsill Lokali kellu d-dover li jhares b'indukrar sufficjenti l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet u jiehu l-mizuri protettivi ghall-ahjar harsien tat-terzi. Fil-kaz in ezami, l-kunsill kien qieghed jissorvelja mill-qrib kull stadju ta' dan il-progett u kien irrizerva d-dritt li f'kull zmien jaghti struzzjonijiet lill-kuntrattur, u dan anke fir-rigward ta' *health & safety.* Ghalhekk, skond l-ewwel Qorti, kien evidenti li l-kunsill kien direttament involut fil-mizuri li ttiehdu ghal skopijiet ta' sigurta` fuq il-post, u konsegwentement kien responsabbili.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Kunsill Lokali, bhal kull sid privat, ma jistax jehles mir-responsabbilita` billi jghid li hu qabbad in-nies u li dawn kellhom jaraw li jigu evitati incidenti. Il-Kunsill appellant ghandu responsabbilita` ghax-xoghlijiet imwettqa fuq inkarigu tieghu, anke jekk saru mill-kuntrattur imqabbad minnu. Hu kien obbligat li jinsisti li jara li l-kuntratt moghti minnu jigi ezegwit minghajr ma jinholoq perikolu ghac-cittadin, u li jiehu l-provvedimenti opportuni biex jirrimedja s-sitwazzjoni jekk jirrizulta xi nuqqas. Inoltre mill-provi rrizulta car li l-Kunsill Lokali nqeda b'nies li, fic-cirkostanzi partikolari, ma kienux kapaci in kwantu naqsu milli jiehdu l-prekawzjonijiet bazici u elementari li kellhom jittiehdu ghas-sigurta` tac-cittadin. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

**Responsabbilita` ghall-akkadut**

Il-Kunsill appellant isostni li hu mexa ta *bonus pater familias* sabiex jevita li jsiru incidenti u biex juri li kienu qed isiru xoghlijiet fl-inhawi, u li ghalhekk ghandu jigi ezonerat minn kull responsabbilita`. Jghid li hu ha hsieb li l-post ikun maghluq b'*baricades* hlief ghal entratura wahda li kienet miftuha ghall-uzu esklussiv tal-haddiema li kienu fuq il-post fil-hin tal-incident. Inoltre l-Kunsill appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni x-xhieda li qalu li l-entraturi ghal fuq is-sit kienu maghluqin bl-injam.

L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-kawza prossima ghall-incident ma kenitx il-fatt li l-attrici dahlet fil-gnien, imma l-fatt li kien hemm apertura miftuha berah kif ukoll kien hemm toqba fl-art, minghajr ma kien hemm avviz jew mizura ohra ta' sigurta`. Ghall-Qorti dan kien ifisser li l-mizuri li l-Kunsill qal li ha, biex ma jidhlux nies fil-gnien, ma kienux bizzejjed.

L-attrici appellata wiegbet li l-Kunsill konvenut appella minn din id-decizjoni tal-ewwel Qorti abbazi ta' diversi ragunijiet u argumenti li diga` gew kollha sollevati u gew diskussi quddiem l-ewwel Qorti u li gustament gew skartati.

Fil-fehma ta' din il-Qorti fl-aggravji sollevati mill-Kunsill appellanti ma hemm xejn gdid li ma giex diga` sottomess quddiem l-ewwel Qorti. Jidher li l-Qorti gharblet sew il-punti kollha li tressqu ghall-konsiderazzjoni taghha, u d-diversi osservazzjonijiet li hija ghamlet in propozitu huma pjenament kondivizi minn din il-Qorti; ghalhekk ikun ezercizzju inutli ghal din il-Qorti li toqghod tirrepetihom mill-gdid wahda wara l-ohra.

Din il-Qorti izda ser tissenjala dawk il-punti li fil-fehma taghha jwasslu ghall-htija tal-Kunsill appellant. Dakinhar li sehh l-incident, il-gnien ma kienx accessibbli ghall-haddiema biss imma anke ghall-pubbliku in generali, li kien qed jithalla jidhol fih. L-attrici ressqet provi li waqt li

kien ghadu ghaddej ix-xoghol kien hemm apertura minn fejn setghu jidhlu n-nies u li fejn kienet hi kien hemm diversi nies iduru u bilqeghda bhalma solitu jkun hemm, u kien hemm ukoll tfal jilaghbu.  Dan gie konfermat minn diversi xhieda.[16]

Dik il-parti fejn dahlet l-attrici kienet tidher li kienet lesta u ma kienx qieghed isir xoghol fiha, filwaqt li l-parti fejn kien qed isir xi xoghol kienet tinsab 'il boghod minn fejn kienet l-attrici[17].

Lanqas ma rrizulta li kien hemm xi sinjali li jindikaw li wiehed ma setghax jidhol f'dik il-parti tal-belvedere jew inkella li wiehed kellu jzomm attenzjoni specjali hemmhekk.  It-tabelli li kien hemm fit-truf tal-belvedere kienu aktar intizi bhala reklam ghal dan il-progett milli bhala "*no entry sign*", jew xi sinjal ta' twissija.

Din il-Qorti hi tal-fehma, ghalhekk, li l-Kunsill Lokali, bhala kjamat fil-kawza, naqas mill-obbligu tieghu li jiehu l-mizuri kollha necessarji biex jassigura li x-xoghol in kwistjoni jkun qed isir minghajr perikolu ghall-pubbliku li beda jaghmel uzu mill-gnien.  Ghalhekk jekk il-Kunsill ried li l-pubbliku ma jidholx fil-gnien, kellu jassigura li l-entraturi jkunu <u>l-hin kollu maghluqin</u> biex ikun hemm kontroll shih fuq min ikun diehel jew hiereg mill-gnien, u fl-istess hin ma jithallewx toqob mikxufin u minghajr protezzjoni ta' xejn.  Kellhom ukoll jitqieghdu sinjali appoziti li juru li dhul kien projbit jew, tal-anqas, perikoluz.

## Responsabbilita` kontributorja

Il-Kunsill Lokali appellant jikkontendi li l-attrici kienet unikament responsabbli ghall-incident, izda jekk ma jirrizultax li kienet unikament responsabbli, l-attrici kellha tinsab responsabbli li kkontribwiet ghall-incident[18].  L-appellant jghid li kien hemm din in-negligenza kontributorja billi l-attrici kienet taf li kien hemm xoghol

[16] Ara xiehda ta' Georgina Attard a fol. 171; Tania Camilleri a fol. 174.
[17] William Axiaq xehed li dak in-nhar tal-incident kienu qed jahdmu lill-hinn mit-toqba (ara fol. 130).
[18] Ara t-tielet aggravju tal-appellanti.

ghaddej u xorta hadet riskju u dahlet f'post ta' perikolu. Jghid li l-incident sehh ghaliex l-attrici dahlet f'post fejn ma kellhiex tidhol.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-attrici ma kkontribwietx ghall-incident u l-fatt li hija dahlet fil-gnien ma jfissirx li naqset milli tiehu kura taghha nnifisha. Lanqas ma jista' jinghad li l-attrici volontarjament assumiet riskju meta, skond hi, ghazlet li tidhol fil-gnien fejn kienet taf li kienu qed isiru xi xoghlijiet u qaghdet attenta biex ma tweggghax u lanqas taghmel xi hsara fejn ikun qieghed isir ix-xoghol. L-attrici ghaddiet mill-parti tal-gnien li kienet lesta, jew ghall-anqas ghall-ghajn, hekk kienet tidher li hi.

L-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi: "Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb <u>ikkontribwiet jew tat okkazzjoni ghall-hsara</u>, il-Qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li ghandhom jithallsu lil dik il-parti, tiddeciedi, fid-diskrezzjoni taghha, f'liema proporzjon din tkun ikkontribwiet jew tat okkazzjoni ghall-hsara li batiet, u l-ammont tad-danni li ghandu jithallas lilha mill-persuni l-ohra li jkunu dolozament jew bla ma riedu kkontribwew ghal dik il-hsara, jigi mnaqqas f'dik il-proporzjoni".

Kif gie deciz fil-kaz Ingliz **Jones v. Livox** (1952) 1 T.L.R 1377:-

"Contributory negligence does not depend on a duty of care, it depends on foreseeability. Just as actionable negligence requires the foreseeability of harm to others, so contributory negligence requires the forseeability of harm to oneself..."

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-gnien thalla in parti apert fil-parti minn fejn kienu jidhlu l-haddiema, kif ukoll li hallew toqob fil-paviment li ma kienux mghottija, minghajr ripar, u kienu ta' perikolu. Inoltre ma kienx hemm sinjali li jindikaw lill-pubbliku li l-ingress fil-gnien kien ipprojbit. Ta' dan, il-Qorti diga` sabet il-Kunsill u l-kjamata fil-kawza responsabbli. Izda apparti dan, il-Qorti tistaqsi: kellha l-

attrici tidhol fil-gnien meta kienet taf li kien ghad hemm xoghol x'isir?

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li kien ghadu ghaddej ix-xoghol u li l-progett ma kienx ghadu lest, ifisser li n-nies kellhom jistennew sakemm jispicca l-progett qabel jibdew jidhlu. It-tendenza tal-poplu, invece, hi li m'ghandux pacenzja jistenna u mhux dixxiplinat. L-attrici stess tghid li *"…jiena rrealizzajt illi fil-gnien kienu qed isiru xi xoghlijiet allura qghadt attenta biex ma nweggax u lanqas naghmel xi hsara fejn ikun qieghed isir ix-xoghol"* (fol. 133)[19]. L-attrici kienet taf li kien qed isir ix-xoghol u ghalhekk setghet tipprevedi li jista' jkun ghad hemm perikolu u li setghet twegga'. Izda minflok hija hadet riskju ghalkemm tghid li kienet se toqghod attenta li ma tweggax u li ma taghmilx hsara. Jidher pero` li l-attrici ma qaghditx attenta bizzejjed ghax ma ratx dak li kien *in plain view* u li hi setghet tara b'daqsxejn ta' attenzjoni aktar (kif qalet li ser taghmel). L-attrici ma setghetx ma tindunax bil-hofra li kienet imdaqqsa mhux hazin[20], u li bhalha jirrizulta li kien hemm aktar minn wahda. Jirrizulta wkoll li x-xoghol ma kienx tlesta u lanqas ma kien kif hemm indikat fir-ritratti a fol 24 sa 26 billi dawn ir-ritratti tal-belvedere ittiehdu sena wara l-incident u mhux dak in-nhar tal-incident[21]. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-attrici kkontribwiet ghall-incident u ghandha tbati terz mit-tort.

**Danni**

Dwar ***damnum emergens*** jirrizulta li ma hemm ebda appell.

Fir-rigward tal-***lucrum cessans,*** u riferibbilment ghas-somma likwidata, il-Kunsill appellant jissottometti li f'dan il-kaz l-attrici ma hi ser titlef ebda dhul futur stante li hi zammet l-istess xoghol li kellha u ghandha l-uzu komplet ta' saqajha li weggghet. Inoltre l-attrici kienet diga` ssofri

[19] Seduta tas-16 ta' Mejju 2007.
[20] Ara fol. 24 sa 26.
[21] Ara xhieda ta' Dr. Chris Said u missier l-attrici a fol. 134.

minn *congenital hip dislocation* u ghalhekk kienet gia` ristretta mill-movementi taghha.

Kwantu ghall-ewwel sottomissjoni huwa risaput li:

"Il-fatt li min isofri lezjoni jkompli jahdem, sija pure fl-impieg li kellu qabel l-incident, ma jipprekludihx li jiehu danni meta huwa bhala konsegwenza tal-incident ikun sofra dizablita` permanenti. Din id-dizabbilita` permanenti tista' dejjem tkun ta' xkiel ghalih fil-futur li jimmeljora l-pozizzjoni finanzjarja tieghu, u kwindi ghal din ir-raguni huwa intitolat ghad-danni li jista' jsofri bhala konsegwenza taghha" (**App Civ. Gatt v. Theuma.** Vol LXXI p2 p 136).

"Il-fatt li persuna dizabbli tkun qed tahdem u taqla' aktar milli kienet qed taqla' qabel korriet ma jfissirx li hija ma setghetx issib opportunitajiet ahjar ta' xoghol kieku ma korrietx. Id-dizabilita` necessarjament timplika nuqqas fil-persuna fil-potenzjal taghha ghax-xoghol, mhux biss ma' l-employer prezenti izda wkoll ma' terzi jew anke jekk tahdem ghal rasha" (App. **Gatt v. Carbone** 7 ta' Lujlu 1998, Vol LXXXII p2 p 242).

Dwar it-tieni lamentela tal-appellanti li l-attrici kellha *congenital hip dislocation* qabel l-incident u ghalhekk kienet ristretta fil-movementi taghha, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li xehed il-perit mediku fejn qal li l-percentwali li stabilixxa kien jirrigwarda biss il-konsegwenzi fizici li sofriet l-attrici <u>f'dan l-incident</u>. Hu xehed: "Jiena ma nista' nara l-ebda kawza ohra ghal din il-problema tal-attrici ghajr li tkun imputabbili ghall-incident in kwistjoni" u "ghar-rigward tal-percentagg ta' dizabilita`, nghid illi dan il-percentagg ta' dizabilita` huwa dak li jirrizulta direttament mill-incident"[22]. Dwar dak sottomess mill-appellanti li d-danni li jistghu jigu kkumpensati huma dawk biss li effettivament avveraw ruhhom u mhux xi danni futuri, Mr. Sciberras ikkonferma li fil-prezent, l-attrici qed tbati minn dizabilita` permanenti ta' 4%, u mhux eskluz li fil-futur l-affarijiet jaggravawhom ruhhom. Id-danni, pero`, se tehodom abbazi tad-dizabilita`

[22] Ara fol. 225 et seq.

permanenti prezenti.  Ghalhekk la darba l-percentwali m'hijiex ser tinbidel, ma hemmx lok ghal tibdil fil-*lucrum cessans.*  Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi respint.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-Kunsill Lokali konvenut u lis-socjeta` kjamata fil-kawza responsabbli ghall-incident in kwistjoni izda tirriformaha fil-parti fejn sabet li l-attrici ma kellha ebda tort ghall-akkadut, u minflok issibha responsabbli ghal terz mit-tort.  Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' Lm4,405.30 jew (€10,261.59) ghaxart elf, u mitejn u wiehed u sittin Euro u disgha u hamsin Euro centezmu, minflok kif stabbilit fis-sentenza appellata, u tikkundanna lill-Kunsill appellant u lill-imsemmija socjeta` jhallsu l-ammont hekk likwidat lill-attrici *in solidum*.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kwantu ghal terz ghall-appellata u zewg terzi ghall-Kunsill Lokali tan-Nadur u s-socjeta` kjamata fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------